# L-Imperattiv



www.maltikurja.com



**iskot**



**ħenn**



**agħtini**



**tisbilx** (tirrabjax)

Dan juri kmand,
talba,
twissija,
parir,
jew projbizzjoni.

# L-IMPERATTIV JITNISSEL MILL-MAMMA BILLI:-

jew iqiegħed l-ewwel vokali barra; Eż : ħaseb = **a**ħseb; għamel = **a**għmel

jew jibdel il-vokali tal-Mamma; Eż : ħabb = ħ**o**bb; qam = q**u**m

inkella jinqeda bil-Mamma stess; Eż : fixkel = fixkel; bierek = bierek

## Il-verbi mnisslin (il-forom tal-verb mit-II sal-X forma ħlief tat-III forma) ...

... li jibdew b'waħda mill-ittri, **l**, **m**, **n**, **r**, b'konsonanti oħra warajha, fl-Imperattiv aktarx jieħdu qabilhom il-vokali ewfonika **i**.

Eż : ltaqa' (8) = **i**ltaqa';

mtedd (8) = **i**mtedd;

nħasel (7) = **i**nħasel

# Il-Verb fl-Imperattiv



Jibda b'vokali meta jkun trilitteru u disillabu
Eż. **a**ħseb (ħaseb); **a**għżel (għażel); **i**sma' (sema')



Jibda b'konsonanti meta jkun monosillabu jew imnissel jew kwadrilitteru.
Eż. għodd (tril. mon.); għarraf (imnissel); għarbel (kwad.)



L-Imperattiv jitfassal biss fit-tieni persuna singular u plural, sew għall-maskil u kemm għall-femminil.

Eż. ***Inti*** aħdem – ***intom*** aħdmu.